# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fl-14 ta' Settembru 2017[1]

**Kawża C-103/16**

**Jessica Porras Guisado**
**vs**
**Bankia SA**
**Sección Sindical de Bankia de CCOO**
**Sección Sindical de Bankia de UGT**
**Sección Sindical de Bankia de ACCAM**
**Sección Sindical de Bankia de SATE**
**Sección Sindical de Bankia de CSICA**
**Fondo de Garantía Salarial (Fogasa)**
**parti oħra:**
**Ministerio Fiscal**

[Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Cataluña, Spanja)]

"Politika soċjali — Direttiva 92/85/KEE — Saħħa u sigurtà għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu — Il-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 10 — Projbizzjoni ta' tkeċċija — Każijiet eċċezzjonali li ma humiex konnessi mal-kundizzjoni tal-ħaddiema tqila — Il-punt 2 tal-Artikolu 10 — Avviż tat-tkeċċija mix-xogħol — Direttiva 98/59/KE — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar tkeċċijiet kollettivi — Artikolu 1(1)(a) — Tkeċċija għal raġunijiet li ma humiex relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati"

## Introduzzjoni

1. L-għażla ta' liema ħaddiema se jitkeċċew fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva dejjem hija kwistjoni delikata. Qabel ma titqiegħed fis-seħħ tkeċċija kollettiva ikun hemm, skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi[2], konsultazzjonijiet bejn il-persuna li timpjega u r-rappreżentanti tal-ħaddiema. Jista' jinħass li ċerti kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema għandhom jingħataw protezzjoni matul it-tkeċċija kollettiva (fis-sens ta' prijorità għaż-żamma matul il-proċess ta' għażla). Madankollu, il-forza tax-xogħol tista' tinkludi wkoll kategoriji oħrajn ta' ħaddiema li jgawdu protezzjoni kontra t-tkeċċija bis-saħħa ta' xi strument legali ieħor (pereżempju, ħaddiema koperti mid-Direttiva dwar il-Maternità)[3].

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar *redundancies* kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327) (id-"Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi").

3 Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu [l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110), (id-"Direttiva dwar il-Maternità"). Fiż-żmien applikabbli, kienet tapplika l-verżjoni ta' dik id-direttiva kif emendata bid-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewoprew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ġunju 2007 (ĠU 2007 L 165, p. 21).

2. F'din it-talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Cataluña, Spanja, iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tinterpreta l-projbizzjoni tat-tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal fl-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità. B'mod partikolari, il-gwida tal-Qorti tal-Ġustizzja hija mfittxija dwar kif għandha tiġi interpretata dik il-projbizzjoni flimkien mad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi f'każ ta' proċedura ta' tkeċċija kollettiva.

## Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

### *Id-Direttiva dwar il-Maternità*

3. Il-premessi tad-Direttiva dwar il-Maternità, li hija l-għaxar direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE [4], jispjegaw li din ġiet adottata sabiex jiġu introdotti rekwiżiti minimi bl-iskop li jiġi inkoraġġit it-titjib, speċjalment fl-ambjent tax-xogħol, biex jiġu protetti s-sigurtà u s-saħħa ta', *inter alia*, ħaddiema nisa tqal, identifikati bħala grupp speċifiku f'riskju [5]. Il-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema nisa tqal ma għandhiex tfisser li n-nisa fis-suq tax-xogħol jiġu ttrattati b'mod sfavorevoli u lanqas li jaħdmu għad-detriment tad-direttivi li jikkonċernaw l-ugwaljanza fit-trattament għall-irġiel u n-nisa [6]. Ir-riskju ta' tkeċċija għal raġunijiet assoċjati mal-kundizzjoni tagħhom jista' jkollu effetti li jagħmlu ħsara għall-istat fiżiku u mentali tal-ħaddiema nisa tqal u għandha ssir dispożizzjoni biex tiġi pprojbita din it-tkeċċija [7].

4. It-terminu "ħaddiema tqila" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(a) bħala "ħaddiema tqila li tinforma lil min iħaddimha bil-kundizzjoni tagħha, skond il-liġi u/jew prattika nazzjonali".

5. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u megħjuna mill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Protezzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, ingħatat struzzjonijiet sabiex tfassal linji gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskji għall-ħaddiema koperti mid-Direttiva dwar il-Maternità [8]. Trid issir valutazzjoni tal-post tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema tqila [9]. Il-persuna li timpjega għandha taġġusta l-kundizzjonijiet tax-xogħol jew il-ħinijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tqila sabiex jiġi evitat kull riskju identifikat. Jekk dan ma jkunx possibbli, hija għandha tiġi ttrasferita lejn xogħol ieħor; u jekk dan ma jkunx possibbli trid tingħata leave [10].

4 Direttiva tal-Kunsill, tat-12 ta' Ġunju 1989, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349). Dik id-direttiva stabbilixxiet il-qafas ġenerali għal leġiżlazzjoni li tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Direttivi individwali oħrajn ikopru suġġetti bħar-rekwiżiti minimi ta' sigurtà u tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, l-użu ta' tagħmir tax-xogħol, l-użu ta' tagħmir personali ta' protezzjoni, l-immaniġġjar manwali ta' tagħbijiet jew rekwiżiti minimi ta' saħħa u sigurtà rigward l-espożizzjoni tal-ħaddiema għal karċinoġeni jew mutaġeni, asbestos, radjazzjoni jonizzanti, storbju jew vibrazzjoni. Grupp protett ieħor huwa dak tal-ħaddiema żgħażagħ (Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE, tat-22 ta' Ġunju 1994, dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 213).

5 Ara l-ewwel, is-seba' u t-tmien premessi tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva dwar il-Maternità.

6 Id-disa' premessa.

7 Il-ħmistax-il premessa.

8 Artikolu 3(1). Kif meħtieġ skont dak l-artikolu, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-Linji gwida dwar l-istima tal-aġenti kimiċi, fiżiċi u bijoloġiċi u l-proċessi industrijali kkunsidrati bħala perikolużi għas-sigurtà jew għas-saħħa tal-ħaddiema nisa tqal u l-ħaddiema li welldu reċentement jew li qegħdin ireddgħu (COM(2000) 466 final/2).

9 Artikolu 4.

10 Artikolu 5.

6. L-Artikolu 10 huwa intitolat "Il-Projbizzjoni ta' Tkeċċija". Dan jiddikjara:

"Sabiex jiġi garantit għall-ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, l-eserċizzju tad-drittijet tagħhom tal-protezzjoni tas-saħħa [u s-sigurtà] kif rikonoxxuti taħt dan l-Artikolu, għandu jiġi pprovdut illi:

1. l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex tiġi pprojbita t-tkeċċija ta' ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, matul iż-żmien mill-bidu tat-tqala tagħhom sa tmiem il-leave tal-maternità msemmi fl-Artikolu 8(1), barra minn każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali u, meta applikabbli, sakemm l-awtorità kompetenti tkun tat il-kunsens tagħha;

2. jekk ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, tiġi mkeċċa waqt iż-żmien imsemmi fil-punt 1, min iħaddimha jrid jiddikjara motivi ġġustifikati għat-tkeċċija tagħha, bil-miktub;

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jipproteġu l-ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2, minn konsegwenzi ta' tkeċċija li hija llegali skond il-punt 1."

7. L-Artikolu 12 jipprovdi li l-Istati Membri jridu jintroduċu fis-sistemi legali tagħhom dawk il-miżuri neċessarji biex jippermettu lill-ħaddiema li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Maternità jsegwu t-talbiet tagħhom f'każijiet fejn issirilhom inġustizzja minħabba nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti.

### *Id-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi*

8. Id-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi għandha l-għan li tiżgura li jkun hemm iżjed protezzjoni għall-ħaddiema fil-każ ta' tkeċċijiet kollettivi filwaqt li titqies il-ħtieġa għal żvilupp ibbilanċjat ekonomiku u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea [11]. Il-premessi tagħha jispjegaw li t-tlestija tas-suq intern għandha twassal għal titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-ħaddiema u li d-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri dwar l-arranġamenti prattiċi u l-proċeduri għal tkeċċijiet bħal dawn u l-miżuri maħsuba sabiex itaffu l-konsegwenzi tat-tkeċċija fuq il-ħaddiema jista' jkollhom effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern [12].

9. Fi ħdan it-Taqsima I ("It-tifsiriet u l-iskop"), l-Artikolu 1(1)(a) jiddefinixxi "*redundancies* kollettivi" bħala "tkeċċijiet mix-xogħol minn min iħaddem għal raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati meta, skond l-għażla ta' l-Istati Membri, in-numru tar-*redundancies* huwa:

(i) jew, fuq perijodu ta' 30 ġurnata:

- mill-inqas 10 fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw iżjed minn 20 u inqas minn 100 impjegat,
- mill-inqas 10 % tan-numru ta' ħaddiema fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw mill-inqas 100 iżda inqas minn 300 ħaddiem,
- mill-inqas 30 fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw 300 ħaddiema jew iżjed,

(ii) jew, fuq perijodu ta' 90 ġurnata, mill-inqas 20, ikun xi jkun in-numru ta' impjegati li [normalment] jaħdmu fl-istabbilimenti inkwistjoni;

11 Premessa 2.
12 Premessi 3, 4 u 6.

[…]

Għall-iskop tal-kalkolu tan-numru tar-*redundancies* kif previst fis-subparagrafu tal-punt (a), it-termini ta' kuntratt tax-xogħol li jsir fuq l-inizjattiva ta' min iħaddem għal raġuni waħda jew iktar li mhumiex relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati għandhom ikunu assimilati mar-*redundancies* sakemm, hemm mill-inqas ħames redundancies" [13].

10. It-Taqsima II fiha r-rekwiżiti ta' informazzjoni u konsultazzjoni. Għalhekk, il-persuna li timpjega li tkun qiegħda tikkontempla tkeċċijiet kollettivi għandha tibda konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi żmien tajjeb bl-iskop li jintlaħaq ftehim. Sabiex ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jagħmlu proposti kostruttivi, il-persuna li timpjega trid, fi żmien tajjeb matul il-konsultazzjonijiet, tipprovdilhom l-informazzjoni rilevanti kollha u tinnotifikahom dwar l-elementi li ġejjin: (i) ir-raġunijiet għat-tkeċċijiet ipproġettati; (ii) in-numru u l-kategoriji ta' ħaddiema li se jisfaw bla xogħol; (iii) in-numru u l-kategoriji ta' ħaddiema normalment impjegati; (iv) il-perijodu meta t-tkeċċijiet ipproġettati għandhom jiġu effettwati; u (v) il-kriterji proposti għall-għażla tal-ħaddiema li se jisfaw bla xogħol sa fejn il-leġiżlazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali jagħtu dan il-poter lill-persuna li timpjega. Kopja ta' dawk l-elementi tal-komunikazzjoni bil-miktub għandha tintbagħat lill-awtorità pubblika kompetenti [14].

11. Il-proċedura għat-tkeċċija kollettiva hija stabbilita fit-Taqsima III. Dik il-proċedura tibda bin-notifika bil-miktub ta' kwalunkwe tkeċċija kollettiva ppjoġettata lill-awtorità pubblika kompetenti [15]. Kopja tan-notifika trid tintbagħat ukoll lir-rappreżentanti tal-ħaddiema [16]. It-tkeċċijiet kollettivi ppjoġettati ma jidħlux fis-seħħ qabel 30 ġurnata wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 3(1) bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet individwali fir-rigward tal-avviż tat-tkeċċija mix-xogħol [17]. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-iskedi stabbiliti ma għandhomx japplikaw għal tkeċċijiet kollettivi li jirriżultaw mit-tmiem tal-attivitajiet ta' stabbiliment meta dan ikun ir-riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja [18].

## Il-leġiżlazzjoni Spanjola

### *Leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar il-Maternità*

12. Il-qorti tar-rinviju tiddikjara li d-Direttiva dwar il-Maternità hija trasposta fi Spanja permezz tal-Ley 39/99 de 5 de noviembre de Conciliación de la vida personal, laboral y familiar (Liġi 39/1999, tal-5 ta' Novembru 1999, li tirrikonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol tal-ħaddiema). Din fiha żewġ forom ta' protezzjoni għall-ħaddiema nisa tqal. L-ewwel waħda tapplika matul ir-relazzjoni tax-xogħol kollha u hija bbażata fuq is-sempliċi fatt tat-tqala. Jekk il-ħaddiema tqila titkeċċa (irrispettivament minn jekk il-persuna li timpjega tafx bil-kundizzjoni tagħha jew le), kulma trid tagħmel huwa li tagħti prova tat-tqala tagħha u l-persuna li timpjega mbagħad trid tagħti prova ta' kawża oġġettiva raġonevoli għat-tkeċċija. Meta tingħata evidenza bħal din, din tista' teħtieġ dikjarazzjoni ta' legalità, inkella t-tkeċċija tkun nulla *ipso jure* [19].

13 Hemm qbil li Porras Guisado taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi, peress li ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1(2).

14 Artikolu 2(1) u (3).

15 Artikolu 3(1).

16 Artikolu 3(2).

17 Artikolu 4(1).

18 Artikolu 4(4).

19 Il-qorti tar-rinviju, fid-domandi preliminari tagħha (ara l-punt 21 iktar 'il quddiem) tiddikjara li l-effett li t-tkeċċija tiġi ddikjarata nulla *ipso jure* huwa deskritt fil-liġi Spanjola bħala "tutela reparativa" ("protezzjoni reparattiva"), li hija differenti minn "tutela preventiva" ("protezzjoni preventiva"). Dik il-qorti tqabbel il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità ma' "tutela preventiva" u l-punt 3 tal-Artikolu 10 tagħha ma' "tutela reparativa".

13. It-tieni forma ta' protezzjoni hija bbażata fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(4) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55(5) tal-Istatut tal-Ħaddiema kif ukoll l-Artikolu 8 tal-Ley Orgánica 3/2007 de 22 de marzo, para la igualdad efectiva de mujeres y hombres (Liġi Organika 3/2007, tat-22 ta' Marzu 2007, dwar ugwaljanza fit-trattament effettiva għan-nisa u l-irġiel, "il-Liġi Organika tal-2007"). Dawk id-dispożizzjonijiet jistipulaw essenzjalment li meta ħaddiema tallega li saret diskriminazzjoni kontriha minħabba li tkeċċiet minħabba li kienet tqila, hija trid tipproduċi biżżejjed informazzjoni sabiex tindika li t-tkeċċija hija bbażata fuq it-tqala tagħha. Il-persuna li timpjega mbagħad ikollha l-oneru tal-prova sabiex tistabbilixxi li ma kinitx saret diskriminazzjoni. Il-qorti tar-rinviju tesprimi l-opinjoni li l-kawża prinċipali ma tikkonċernax it-tieni forma ta' protezzjoni[20].

### *Leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi*

14. It-terminu tkeċċijiet kollettivi huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tal-Istatut tal-Ħaddiema bħala t-terminazzjoni ta' kuntratti ta' impjieg għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew organizzazzjonali jew raġunijiet relatati mal-produzzjoni fejn ċerti limiti jkunu ssodisfatti. Skont l-Artikolu 51(5) tal-Istatut tal-Ħaddiema, meta l-impjegati jintgħażlu għal tkeċċija obbligatorja, ir-rappreżentanti legali tal-ħaddiema għandhom igawdu minn status ta' prijorità fir-rigward taż-żamma tagħhom mill-impriża kkonċernata. Dan l-istatus jista' jingħata lil gruppi oħrajn, bħal ħaddiema b'responsabbiltajiet tal-familja, impjegati ta' ċerta età jew persuni li għandhom diżabbiltà[21].

15. L-Artikolu 13 tar-Real Decreto 1483/2012 de 29 de octubre, por el que se aprueba el Reglamento de los procedimientos de despido colectivo y de suspensión de contratos y reducción de jornada (Digriet Irjali 1483/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, li japprova r-regolamenti dwar il-proċeduri ta' tkeċċija kollettiva u dwar sospensjoni ta' kuntratti u tnaqqis tal-ħinijiet tax-xogħol ta' kuljum) jirrifletti d-dispożizzjonijiet dwar il-kriterji tal-għażla għall-impjegati f'każijiet ta' tkeċċija kollettiva. L-Artikolu 13(3) jiddikjara li d-deċiżjoni finali dwar tkeċċija kollettiva trid tistipula r-raġunijiet għaliex ċerti impjegati jingħataw prijorità fir-rigward taż-żamma tal-pożizzjoni tagħhom fi ħdan l-impriża kkonċernata.

## Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

16. Fit-18 ta' April 2006, Porras Guisado ġiet impjegata minn Bankia S.A. ("Bankia"). Fid-9 ta' Jannar 2013, Bankia fetħet perijodu ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema bil-għan li twettaq tkeċċija kollettiva. Fit-8 ta' Frar 2013, il-kumitat ta' negozjar laħaq ftehim (il-"ftehim tal-kumitat ta' negozjar") li jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jiġu applikati fl-għażla ta' dawk il-ħaddiema li għandhom jitkeċċew u dawk li għandhom jinżammu fl-impjieg ma' Bankia. Żewġ kategoriji ta' ħaddiema ngħataw status ta' prijorità. Dawn kienu koppji miżżewġin jew koppji *de facto* u impjegati b'diżabbiltà li d-diżabbiltà tagħhom ġiet ivvalutata bħala ikbar minn 33 %.

20 Ara wkoll il-punt 27 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 24.

21 Għalkemm il-qorti tar-rinviju tissuġġerixxi li, bħala kwistjoni ta' dritt nazzjonali, "dawk b'responsabbiltajiet tal-familja" jistgħu jiġu interpretati bħala li jinkludu ħaddiema nisa tqal, il-ftehim tal-kumitat ta' negozjar deskritt fil-punt 16 iktar 'l isfel u applikat f'dan il-każ ma tax status ta' prijorità lil dawn tal-aħħar.

17. Fit-13 ta' Novembru 2013, Bankia bagħtet ittra lil Porras Guisado (l-"ittra ta' tkeċċija") billi tatha avviż dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjieg tagħha skont il-ftehim tal-kumitat ta' negozjar. L-ittra tat-tkeċċija ddikjarat dan li ġej:

"[…] Fil-każ speċifiku tal-Provinċja ta' Barcelona fejn taħdem, wara li tlestiet il-proċedura għall-aċċettazzjoni tal-programm ta' tkeċċijiet li jattiraw kumpens, mingħajr ma tingħata attenzjoni lill-persuni milquta minn proċeduri ta' mobbiltà ġeografika u bidliet fil-pożizzjoni tax-xogħol, aġġustament iktar estensiv għall-forza tax-xogħol sar neċessarju, li jeħtieġ it-terminazzjoni tal-kuntratti tal-impjieg ta' persuni indikati direttament mill-impriża, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu II-B tal-[ftehim tal-kumitat ta' negozjar] […]

F'dan ir-rigward, bħala riżultat tal-proċess ta' valutazzjoni mwettaq fl-impriża matul il-perijodu ta' konsultazzjoni, u dan huwa fattur rilevanti fl-adozzjoni tal-[ftehim tal-kumitat ta' negozjar] […], il-punteġġ tiegħek huwa ta' 6 punti, li jfisser li l-pożizzjoni tiegħek hija fost l-iktar punteġġi baxxi tal-Provinċja ta' Barcelona, fejn taħdem int.

Għalhekk, bl-applikazzjoni tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti u għar-raġunijiet imsemmijin, nixtieq ninformak li ġie deċiż li jiġi tterminat il-kuntratt tal-impjieg tiegħek b'effett mill-10 ta' Diċembru 2013" [22].

18. Fl-istess jum, is-somma ta' EUR 11 782.05 ġiet ittrasferita fil-kont bankarju ta' Porras Guisado bħala kumpens. Skont il-ftehim tal-kumitat ta' negozjar, it-tkeċċija tagħha daħlet fis-seħħ mill-10 ta' Diċembru 2013.

19. Porras Guisado kienet tqila meta tkeċċiet.

20. Porras Guisado talbet proċedura ta' konċiljazzjoni fid-9 ta' Jannar 2014. Dik il-proċedura saret, mingħajr suċċess, fl-1 ta' April 2014. Sadanittant, fit-3 ta' Frar 2014, Porras Guisado ppreżentat rikors sabiex tikkontesta t-tkeċċija tagħha quddiem il-Juzgado Social No 1 de Mataró (qorti soċjali Nru 1 ta' Mataró) li ddeċidiet favur Bankia fil-25 ta' Frar 2015.

21. Porras Guisado ppreżentat appell minn dik is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari dwar id-domandi li ġejjin:

"(1) Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-[Direttiva dwar il-Maternità] għandu jiġi interpretat fis-sens li ċ-ċirkustanza ta' 'każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali', bħala eċċezzjoni għall-projbizzjoni tat-tkeċċija ta' [ħaddiema tqal], hija ċirkustanza li ma hijiex ekwivalenti għal dik ta' 'raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati' li għaliha jirreferi l-Artikolu 1(1)(a) tad-[Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi], inkwantu hija iktar ristretta?

(2) Fil-każ ta' tkeċċija kollettiva, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' każijiet eċċezzjonali, li jiġġustifikaw it-tkeċċija ta' [ħaddiema tqal] konformement mal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-[Direttiva dwar il-Maternità], għandu jkun impost li l-ħaddiema affetwata ma tistax tiġi ttrasferita mill-ġdid f'post tax-xogħol ieħor [f'pożizzjoni tax-xogħol oħra], jew huwa suffiċjenti li jintużaw bħala ġustifikazzjoni raġunijiet ekonomiċi, tekniċi u produttivi li jaffettwaw il-post tax-xogħol tagħha?

22 Il-ftehim tal-kumitat ta' negozjar kien stabbilixxa dik bħala d-data li fiha kellhom jidħlu fis-seħħ it-tkeċċijiet kollettivi.

(3) Hija konformi mal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-[Direttiva dwar il-Maternità], leġiżlazzjoni, bħal dik Spanjola, li tittrasponi l-imsemmija projbizzjoni billi tistabbilixxi garanzija li skontha jekk ikun hemm nuqqas ta' prova tar-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tkeċċija tagħha din it-tkeċċija tiġi ddikjarata nulla (protezzjoni riparattiva) mingħajr ma tistabbilixxi projbizzjoni mit-tkeċċija (protezzjoni preventiva)?

(4) Hija konformi mal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-[Direttiva dwar il-Maternità], leġiżlazzjoni, bħal dik Spanjola, li fil-każ ta' tkeċċija kollettiva ma tikkontemplax prijorità għaż-żamma fl-impriża tal-[ħaddiema nisa tqal]?

(5) Skont il-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-[Direttiva dwar il-Maternità], hija konformi leġiżlazzjoni nazzjonali li tqis bħala suffiċjenti ittra ta' tkeċċija bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża li ma tagħmel ebda riferiment għall-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, minbarra għall-dawk li jimmotivaw it-tkeċċija kollettiva, sabiex il-ħaddiema tiġi affettwata bid-deċiżjoni ta' terminazzjoni kollettiva?"

22. Bankia, il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017 l-istess partijiet ippreżentaw is-sottomissjonijiet orali.

## Evalwazzjoni

### *Ammissibbiltà*

23. Bankia tissottometti li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli peress li Porras Guisado ma invokatx id-Direttiva dwar il-Maternità meta ressqet it-talba tagħha għall-ewwel darba quddiem il-Juzgado Social No 1 de Mataró (qorti soċjali Nru 1 ta' Mataró), u r-regoli tal-proċedura nazzjonali jipprekluduha milli tagħmel dan iktar tard. Hija ssostni wkoll li Porras Guisado ma għandhiex locus standi, skont il-ġurisprudenza Spanjola, sabiex tippreżenta rikors li jikkontesta l-kriterji għall-għażla tal-impjegati li għandhom jinżammu fl-impriża miftiehma bejn Bankia u r-rappreżentanti tal-ħaddiema.

24. Fir-rigward ta' dawk iż-żewġ argumenti, jien nosserva li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata sabiex tikkunsidra d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni biss. Fid-dawl "tat-tqassim tal-funzjonijiet bejn il-[Qorti tal-Ġustizzja] u l-qorti nazzjonali, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika jekk id-deċiżjoni ta' rinviju hijiex konformi mar-regoli nazzjonali ta' organizzazzjoni u proċedura ġudizzjarja" [23].

25. Minn dan isegwi li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

### *Applikabbiltà tad-Direttiva dwar il-Maternità*

26. Bankia ssostni li d-Direttiva dwar il-Maternità ma hijiex applikabbli għal Porras Guisado peress li hija ma informatx lill-persuna li timpjegaha dwar it-tqala tagħha. L-Artikolu 2(a) ta' dik id-direttiva jipprovdi espliċitament li hija biss "ħaddiema tqila li tinforma lil min iħaddimha bil-kundizzjoni tagħha, skond il-liġi u/jew prattika nazzjonali" li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-direttiva.

23 Sentenza tal-14 ta' Jannar 1982, Reina, 65/81, EU:C:1982:6, punt 7. Ara wkoll is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, Promociones y Construcciones BJ 200, C-125/12, EU:C:2013:392, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha żżomm mad-deċiżjoni minn qorti ta' Stat Membru li tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari sakemm ma tkunx ġiet imħassra permezz ta' proċeduri tal-appell previsti mil-liġi nazzjonali: ara s-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2005, Burtscher, C-213/04, EU:C:2005:731, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata.

27. Ma huwiex ċar mill-fatti stabbiliti fid-digriet tar-rinviju preċiżament meta Porras Guisado informat lill-persuna li timpjegaha dwar it-tqala tagħha. Matul is-seduta, Bankia ddikjarat li ma kinitx konxja dwar dan il-fatt fil-mument tat-tkeċċija [24].

28. Fit-tqassim tal-kompetenzi bejn il-qrati tal-Unjoni Ewropea u l-qrati nazzjonali, hija bħala prinċipju l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika li l-kundizzjonijiet fattwali li jiskattaw l-applikazzjoni ta' regola tal-Unjoni Ewropea huma miġbura flimkien fil-kawża pendenti quddiemha, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiddeċiedi dwar rinviju preliminari, tista', jekk ikun il-każ, tagħti indikazzjonijiet intiżi sabiex jiggwidaw lill-qorti nazzjonali fl-interpretazzjoni tagħha [25].

29. F'din il-kawża, hija għalhekk il-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina meta Porras Guisado informat lill-persuna li timpjegaha dwar it-tqala tagħha. Madankollu, hija din il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdi gwida dwar it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Maternità u b'mod partikolari dwar jekk mara tqila li ma tkunx informat lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha qabel titkeċċa tistax tibbenefika mill-protezzjoni tal-Artikolu 10 ta' dik id-direttiva.

30. Dak l-Artikolu jipprojbixxi t-tkeċċija tal-ħaddiema nisa tqal "fis-sens ta' l-Artikolu 2" tad-Direttiva dwar il-Maternità.

31. Dik id-definizzjoni hija magħmula minn żewġ elementi. L-ewwel wieħed, il-ħaddiema trid tkun tqila [26] u, it-tieni wieħed, trid tkun informat lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew il-prattika nazzjonali. Iż-żewġ elementi jridu jkunu preżenti sabiex il-ħaddiema tkun tista' titqies bħala "ħaddiema tqila" fis-sens tad-Direttiva dwar il-Maternità.

32. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jagħti definizzjoni awtonoma fid-dritt tal-Unjoni lill-kunċett ta' "ħaddiema tqila", anki jekk wieħed mill-elementi ta' din id-definizzjoni, jiġifieri dak li jirrigwarda l-mod kif il-ħaddiema tinforma lill-persuna li timpjegaha bil-kundizzjoni tagħha, jirreferi għal-leġiżlazzjoni u/jew prattika nazzjonali [27].

33. Fil-kuntest tal-projbizzjoni tat-tkeċċija, din il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat ir-rekwiżit tal-informazzjoni b'mod liberu. Għalhekk, fil-kawża Danosa hija ddeċidiet li r-rekwiżiti proċedurali ma jistgħux ixejnu l-protezzjoni partikolari tan-nisa pprovduta mill-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità. "Jekk mingħajr ma kienet formalment informat bit-tqala tal-ħaddiema mill-persuna kkonċernata nnifisha, il-persuna li timpjega saret taf bl-istat ta' tqala ta' din tal-aħħar, ikun kontra l-għan u l-ispirtu tad-[Direttiva dwar il-Maternità] li tinterpreta b'mod ristrett it-termini tal-Artikolu 2(a) ta' din id-direttiva u tinnega lill-ħaddiema kkonċernata l-protezzjoni kontra t-tkeċċija stipulata bl-imsemmi Artikolu 10" [28].

34. Hawnhekk, niġbed l-attenzjoni għal tensjoni fit-tfassil tad-Direttiva dwar il-Maternità. Filwaqt li dispożizzjonijiet oħrajn tad-direttiva (notevolment, l-Artikoli 5, 6 u 7) jipprovdu protezzjoni fuq bażi kontinwa waqt li l-ħaddiem ikun qiegħed jaħdem, l-Artikolu 10 jispikka peress li fih projbizzjoni inekwivoka dwar it-tkeċċija ta' "ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2, matul iż-żmien mill-bidu tat-tqala tagħhom sa tmiem il-leave tal-maternità msemmi fl-Artikolu 8(1)". L-unika deroga minn dik

24 Jekk, kif issostni Bankia, ma kinitx taf dwar il-kundizzjoni ta' Porras Guisado fil-ħin applikabbli (u għalhekk ma jistax ikun li keċċietha għax kienet tqila), jidher li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU 2006 L 204, p. 23) u l-leġiżlazzjoni nazzjonali deskritta fil-punt 13 iktar 'il fuq fil-fatt ma jkollhom ebda effett fuq il-kawża quddiem il-qorti nazzjonali.

25 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 34.

26 Wieħed jista' jaħseb li definizzjoni li tibda "ħaddiema tqila għandha tfisser ħaddiema tqila" hija kemxejn tawtoloġika. Spjegazzjoni iktar benevolenti hija li l-leġiżlatur kien qed jiffoka fuq ir-rekwiżit li hija għandha tinforma lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha "skond il-liġi u/jew prattika nazzjonali".

27 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 53.

28 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 55.

il-projbizzjoni hija dik marbuta ma' "każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom", li se niddiskuti iktar 'il quddiem. Issa, fil-bidu nett tat-tqala, il-ħaddiema nnifisha ma tkunx taf li hija tqila. Ladarba tiskopri dan, huwa neċessarju li jgħaddi ftit żmien qabel tinforma lill-persuna li timpjegaha dwar dan il-fatt, u għalhekk tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet sabiex taqa' taħt id-definizzjoni ta' "ħaddiema tqila" kif stipulat fl-Artikolu 2(a). U madankollu l-projbizzjoni fil-punt 1 tal-Artikolu 10 hija espliċitament iddikjarata li tapplika "mill-bidu tat-tqala" – jiġifieri, minn punt li fih ma huwiex possibbli li tikkonforma mar-rekwiżit li tinforma lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha.

35. Kif għandha tiġi riżolta din it-tensjoni? Jien naħseb li hemm żewġ għażliet possibbli.

36. L-ewwel waħda hija li jintqal li, sakemm mara tqila ma tinformax lill-persuna li timpjegaha dwar it-tqala tagħha, u sa dak il-mument, il-projbizzjoni ta' tkeċċija ma tapplikax. Dik l-interpretazzjoni (promossa minn Bankia) hija waħda li tiffavorixxi lill-persuna li timpjega. Sakemm din ma tkunx ġiet informata, jew ma tkunx taf b'mod ieħor [29], dwar it-tqala, hija libera li tkeċċi lill-ħaddiema inkwistjoni. Tingħata prijorità lill-kliem "ħaddiema, fis-sens ta' l-Artikolu 2", għad-detriment li tingħata protezzjoni iktar estensiva lil ħaddiema nisa tqal. Din l-interpretazzjoni tipproteġi lil ħaddiema tqila li antiċipat dan (jew kellha x-xorti tajba) u laħqet informat lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha qabel ma tkeċċiha (jew tagħmilha bla xogħol bħala parti minn tkeċċija kollettiva). Jekk hija tkun għadha ma tafx li hija tqila, jew tkun għadha ma qalitx lill-persuna li timpjegaha dwar il-fatt, meta ssir it-tkeċċija, ma tkunx protetta. Il-perijodu protett għalhekk ikun neċessarjament iqsar minn dak speċifikat fit-test sempliċi tal-punt 1 tal-Artikolu 10.

37. L-alternattiva hija li tingħata prijorità lill-protezzjoni tal-ħaddiema nisa "matul iż-żmien mill-bidu tat-tqala tagħhom sa tmiem il-leave tal-maternità", anki jekk dawn ma jkunux għadhom informaw lill-persuna li timpjegahom bil-kundizzjoni tagħhom. Dik l-interpretazzjoni (kif nifhimha jien, l-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tqis li hija korretta) tiffavorixxi lill-ħaddiema tqila. Fl-opinjoni tiegħi, din hija l-aħjar interpretazzjoni.

38. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ripetutament li, "[h]uwa preċiżament fid-dawl tar-riskju li tkeċċija eventwali taffettwa s-sitwazzjoni fiżika u mentali tal-ħaddiema tqal [...], inkluż fosthom ir-riskju partikolarment serju li jista' jwassal lill-ħaddiema tqal jinterrompu volontarjament it-tqala tagħhom, li l-leġiżlatur [tal-UE] ipprovda protezzjoni partikolari għall-mara billi stipula l-projbizzjoni ta' tkeċċija fil-perijodu mill-bidu tat-tqala sat-tmiem tal-leave tal-maternità" [30]. Hija kompliet tiddikjara (b'mod daqstant ieħor kategoriku) li, "[m]atul l-imsemmi perijodu, l-Artikolu 10 tad-[Direttiva dwar il-Maternità] ma pprovda ebda eċċezzjoni jew deroga għall-projbizzjoni ta' tkeċċija tal-ħaddiema tqal, ħlief f'każijiet eċċezzjonali mhux marbuta mal-istat tagħhom u bil-kundizzjoni li min iħaddem jiġġustifika bil-miktub ir-raġunijiet ta' din it-tkeċċija" [31]. Dawk l-istqarrijiet repetuti jindikaw li l-Qorti tal-Ġustizzja, għal għexur ta' snin, irrikonoxxiet li n-nisa tqal huma fil-fatt grupp vulnerabbli u li l-leġiżlazzjoni li tipproteġihom fuq il-post tax-xogħol għandha tinqara b'kunsiderazzjoni ta' dak il-fatt.

29 Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 53.

30 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 60. Ara wkoll is-sentenzi tal-11 ta' Ottubru 2007, Paquay, C-460/06, EU:C:2007:601, punt 30, tat-8 ta' Settembru 2005, McKenna, C-191/03, EU:C:2005:513, punt 48, tal-4 ta' Ottubru 2001, Tele Danmark, C-109/00, EU:C:2001:513, punt 26, tat-30 ta' Ġunju 1998, Brown, C-394/96, EU:C:1998:331, punt 18, u tal-14 ta' Lulju 1994, Webb, C-32/93, EU:C:1994:300, punt 21.

31 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 61. Ara wkoll is-sentenzi tal-11 ta' Ottubru 2007, Paquay, C-460/06, EU:C:2007:601, punt 31, tal-4 ta' Ottubru 2001, Tele Danmark, C-109/00, EU:C:2001:513, punt 27, tat-30 ta' Ġunju 1998, Brown, C-394/96, EU:C:1998:331, punt 18 u tal-14 ta' Lulju 1994, Webb, C-32/93, EU:C:1994:300, punt 22.

39. Madankollu, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sa issa ma tindirizzax it-tensjoni li identifikajt jien. Għalhekk, fil-kawża Webb u fil-kawża Tele Danmark, il-persuna li timpjega kienet taf b'mod ċar li l-impjegati rispettivi tagħha kienu tqal meta keċċiethom [32]. Is-sentenza fil-kawża Webb teżamina jekk l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 76/207/KEE (id-direttiva bikrija dwar it-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fl-impjieg) [33] meta jinqara flimkien mal-Artikolu 5(1) tagħha, ipproteġiex impjegata minn tkeċċija meta dik l-impjegata, maħtura sabiex tissostitwixxi impjegata oħra assenti fuq leave tal-maternità, inqabdet tqila hija stess. Is-sentenza fil-kawża Tele Danmark tiffoka fuq jekk il-protezzjoni kontra t-tkeċċija mogħtija mill-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità tibqax tapplika meta impjegata b'kuntratt għal żmien qasir tkun tqila fil-mument li fih ġiet impjegata imma tkun ħbiet dak il-fatt. Fiż-żewġ każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet id-domanda fl-affermattiv [34]. Fil-kawża Danosa, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li kien hemm "xi kontestazzjonijiet" dwar jekk, *inter alia*, il-kumpannija konvenuta kinitx ġiet informata dwar it-tqala ta' D. Danosa: hija ddeċidiet li dawk il-fatti kellhom jiġu ddeterminati mill-qorti nazzjonali [35].

40. Għandu jsir riferiment ukoll għad-deċiżjoni fil-kawża Pontin [36]. F'dik il-kawża, il-persuna li timpjega (T-Comalux) keċċiet lil V. Pontin b'effett immedjat permezz ta' ittra rreġistrata tal-25 ta' Jannar 2007. V. Pontin informat lil T-Comalux li hija kienet tqila permezz ta' ittra rreġistrata fis-26 ta' Jannar 2007 (*jiġifieri l-għada*) u sostniet li, bħala riżultat ta' dan, it-tkeċċija nnotifikata lilha minn T-Comalux kienet nulla [37]. B'risposta għall-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat fit-tul id-domandi kumplessi li jinvolvu l-ekwivalenza u l-effett utli tar-rimedji nazzjonali disponibbli għal V. Pontin rigward it-tkeċċija tagħha. Jiena naħseb li l-Qorti tal-Ġustizzja bilfors li għamlet dan fuq il-bażi li V. Pontin *kienet* koperta mill-protezzjoni kontra t-tkeċċija mogħtija mill-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità kif trasposta fid-dritt nazzjonali, anki jekk ma kinitx informat lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha qabel tkeċċiet. Madankollu, dak il-punt ma huwiex indirizzat fis-sentenza.

41. Jekk ir-rekwiżit li l-persuna li timpjega tiġi nnotifikata jista' jiġi ssodisfatt *ex post*, isegwi li ladarba l-persuna li timpjega tiġi nnotifikata dwar dan, it-tkeċċija inkwistjoni ssir tkeċċija illegali fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità (sakemm ma tkunx tapplika l-eċċezzjoni ta' "każijiet eċċezzjonali"). Il-ħaddiema kkonċernata, wara li tkun innotifikat lill-persuna li timpjega, hija bla dubju "ħaddiema tqila" skont id-definizzjoni fl-Artikolu 2(a). Peress li, fuq din l-ipoteżi, hija diġà tkeċċiet, il-punt 3 tal-Artikolu 10 jopera għalhekk sabiex jipprovdi rimedju billi jitlob lill-Istati Membri "jieħdu l-passi neċessarji biex jipproteġu l-ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2, minn konsegwenzi ta' tkeċċija li hija llegali skond il-punt 1".

42. Huwa veru li fuq din l-interpretazzjoni il-persuna li timpjega, b'mod mhux intenzjonat tista' tkeċċi ħaddiema li ma kellhiex tkeċċi. Madankollu, jekk tiġi informata dwar l-iżball tagħha ftit wara t-tkeċċija [38], hija jkollha l-opportunità li tħassar id-dannu li tkun ikkawżat involontarjament meta keċċietha. Dan ir-riżultat huwa kompletament konformi mal-għanijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità.

32 Ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, Webb, C-32/93, EU:C:1994:300, punt 4, u tal-4 ta' Ottubru 2001, Tele Danmark, C-109/00, EU:C:2001:513, punt 12.

33 Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187).

34 Ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2001, Tele Danmark, C-109/00, EU:C:2001:513, punt 34.

35 Sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punti 31 sa 37.

36 Sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Pontin, C-63/08, EU:C:2009:666.

37 Sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Pontin, C-63/08, EU:C:2009:666, punti 21 u 22.

38 Fil-kawża Pontin (sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, C-63/08, EU:C:2009:666), l-impjegata informat lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha l-għada li rċeviet l-avviż tat-tkeċċija mix-xogħol (ara l-punt 40 iktar 'il fuq).

43. Wieħed jista' jistaqsi jekk hemmx limitu fuq kemm għandu jgħaddi żmien wara t-tkeċċija sabiex il-ħaddiema tkun tista' tinnotifika lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha u tagħmel użu mill-protezzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità. Minħabba t-tensjoni li diġà identifikajt, ma huwiex sorprendenti li l-Artikolu 10 ma jipprovdix risposta ċara għal dik id-domanda. Jiena naħseb li, sabiex ikun ġust għall-persuna li timpjega, l-impjegata mkeċċija hija obbligata li tinforma lill-persuna li timpjegaha u tagħmel it-talba tagħha fi żmien raġonevoli; u li l-possibbiltà tagħha li tagħmel dak tal-ewwel bħala preludju għal dak tal-aħħar għandha titqies li tiskadi fi tmiem il-perijodu ta' protezzjoni stabbilit mill-punt 1 tal-Artikolu 10 – jiġifieri fi "tmiem il-leave tal-maternità msemmi fl-Artikolu 8(1)". Iż-żmien preċiż għal dan se jkun jiddependi minn kif l-Istat Membru inkwistjoni jkun għażel li jittrasponi d-Direttiva dwar il-Maternità. Għal mara tqila li tkun tkeċċiet, id-data tista' tkun ipotetika fis-sens li, peress li tkun tkeċċiet, jista' jkun li ma bbenefikatx minn xi wħud mill-ġranet tal-leave tal-maternità tagħha jew possibbilment mill-ebda ġurnata [39]. Madankollu, il-qorti nazzjonali tkun tista' tivverifika d-data li fiha l-leave tal-maternità tagħha *kien ikun* intemm u għalhekk tkun tista' tiddetermina jekk tkunx innotifikat lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha qabel dik id-data.

44. Rigward din il-kwistjoni, jiena konxja kemm li hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib il-fatti meħtieġa kif ukoll li l-liġi nazzjonali Spanjola (speċifikament, il-Liġi Nru 39/1999) tidher li toffri forma ta' protezzjoni irrispettivament minn jekk il-persuna li timpjega kinitx taf dwar it-tqala tal-ħaddiema [40]. Il-mod kif taħdem preċiżament din id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali huwa wkoll kwistjoni li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-qorti nazzjonali. Madankollu huwa possibbli li, sabiex tiddeċiedi l-kawża quddiemha, il-qorti tar-rinviju jista' jkollha bżonn tkun taf speċifikament jekk il-protezzjoni kontra t-tkeċċija mogħtija mill-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità tkoprix impjegata li, meta tkeċċiet bħala parti minn tkeċċija kollettiva, ma kinitx informat lill-persuna li timpjegaha dwar il-kundizzjoni tagħha. Għal dik ir-raġuni u fl-interessi taċ-ċertezza legali, nixtieq inħeġġeġ lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara dan il-punt fis-sens li indikajt.

45. F'dan il-kuntest, nirrikorri għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

### *L-ewwel domanda*

46. Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-frażi "każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali" li tippermetti t-tkeċċija tal-ħaddiema nisa tqal [il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità] għandhiex tiġi interpretata bħala li hija eżattament ekwivalenti għall-espressjoni "[...] raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati [...]" li għaliha jirreferi l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi, jew jekk dik tal-ewwel hijiex iktar restrittiva.

47. Bankia, Spanja u l-Kummissjoni rrispondew fl-affermattiv.

48. Jien m'iniex tal-istess fehma.

#### *Ir-relazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Maternità u d-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi*

49. L-ewwel domanda tikkonċerna l-interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu t-tkeċċijiet fid-Direttiva dwar il-Maternità u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-tkeċċijiet fid-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi. Għalhekk huwa importanti li l-ewwel tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn iż-żewġ strumenti.

39 Fil-każ li hija tkun assenti fuq leave tal-*maternità* meta titkeċċa, insibha diffiċli kif il-persuna li timpjegaha tista' targumenta b'mod kredibbli li ma kinitx taf bil-kundizzjoni tagħha.

40 Ara l-punt 12 iktar 'il fuq.

50. Il-kwistjonijiet koperti minn dawk iż-żewġ direttivi ġew indirizzati b'mod parallel u fl-istess dokument mill-Kummissjoni sa mill-1973[41]. Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill li segwiet fl-1974 adottat l-istess approċċ[42]. Kien f'dak il-kuntest li ġiet adottata l-ewwel direttiva dwar tkeċċijiet fl-1975[43]. B'kuntrast ma' dan, qabel l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Maternità, każijiet li jikkonċernaw ħaddiema nisa tqal ġew solvuti b'riferiment għall-Artikolu 119 tat-Trattat KEE u d-Direttiva 75/117/KEE dwar paga ndaqs[44], jew għad-Direttiva 76/207/KEE dwar trattament ugwali għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol[45].

51. Kemm id-Direttiva dwar il-Maternità kif ukoll id-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi huma bbażati fuq il-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet fundamentali soċjali tal-ħaddiema[46]. Din tal-aħħar tirreferi speċifikament kemm għall-miżuri li għandhom jiġu żviluppati sabiex jippermettu lill-irġiel u n-nisa jirrikonċiljaw l-obbligi professjonali u familjari tagħhom kif ukoll għall-ħtieġa li jiġu żviluppati informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni għall-ħaddiema f'każijiet ta' tkeċċijiet kollettivi[47].

52. Madankollu, b'kunsiderazzjoni ta' dan, huwa ovvju li l-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ direttivi huwa differenti. Id-Direttiva dwar il-Maternità tipproteġi lill-ħaddiema nisa li huma tqal, li welldu reċentement jew li qed ireddgħu u li s-sigurtà u s-saħħa tagħhom huma kkunsidrati li huma f'riskju[48]. Id-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi tipproteġi ħaddiema li jistgħu jkunu suġġetti għal tkeċċija kollettiva u għalhekk iridu jingħataw protezzjoni ikbar[49].

53. Ħaddiema li tinsab involuta fi proċedura ta' tkeċċija kollettiva waqt li tkun tqila tappartjeni għal żewġ gruppi protetti differenti, għal raġunijiet differenti, u għandha tibbenefika mill-protezzjoni taż-żewġ direttivi. Jekk mara tqila titkeċċa fil-kuntest ta' proċedura ta' tkeċċija kollettiva, il-garanziji kemm tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità kif ukoll dawk stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 4 tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi huma għalhekk applikabbli. Naqbel mas-sottomissjoni orali tal-partijiet kollha li ż-żewġ strumenti legali, f'dak ir-rigward, jikkomplementaw lil xulxin.

*Il-projbizzjoni fuq it-tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal fid-Direttiva dwar il-Maternità*

54. L-għan tad-Direttiva dwar il-Maternità, li ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 118a tat-Trattat KEE (il-prekursur tal-Artikolu 153 TFUE), huwa li tinkoraġġixxi titjib fis-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol tal-ħaddiema nisa tqal[50]. F'dak il-kuntest, l-iskop tal-projbizzjoni ta' tkeċċija stipulata fl-Artikolu 10 huwa li tipproteġi lill-ħaddiema nisa tqal mill-effetti li jagħmlu ħsara li jista' jkollu r-riskju ta' tkeċċija minħabba raġunijiet assoċjati mal-kundizzjoni tagħhom fuq l-istat fiżiku u mentali tagħhom[51].

41 Programm ta' azzjoni soċjali, COM(73) 1600, 24 ta' Ottubru 1973. Ara b'mod partikolari p. 15, 19, 20 u 23.

42 Riżoluzzjoni tal-Kunsill, tal-21 ta' Jannar 1974, dwar programm ta' azzjoni soċjali (ĠU 1974 C 13, p. 1).

43 Direttiva tal-Kunsill 75/129/KEE, tas-17 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar tkeċċijiet kollettivi (ĠU 1975 L 48, p. 29).

44 Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE, tal-10 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 179).

45 Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187). Kemm id-Direttiva 75/117 u d-Direttiva 76/207 ġew imħassra mid-Direttiva 2006/54. Għal ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza rilevanti f'dak il-punt, ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer f'Boyle *et*, C-411/96, EU:C:1998:74, punt 26.

46 Il-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet fundamentali soċjali tal-ħaddiema, adottata fil-Kunsill Ewropew ta' Strasbourg, fid-9 ta' Diċembru 1989, mill-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern ta' 11-il Stat Membru. Ara l-ħames premessa tad-Direttiva dwar il-Maternità u l-premessa 6 tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi.

47 Ara l-paragrafi 16, 17 u 18 tal-Karta Komunitarja dwar id-Drittijiet fundamentali soċjali tal-ħaddiema.

48 Ara t-tmien premessa u l-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar il-Maternità.

49 Ara l-premessa 2 tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi.

50 Ara l-Artikolu 1 u l-ewwel, is-seba', it-tmien u d-disa' premessi tad-Direttiva dwar il-Maternità.

51 Ara l-ħmistax-il premessa tad-Direttiva dwar il-Maternità, il-punt 38 iktar 'il fuq u l-ġurisprudenza ċċitata.

55. Jidher mill-formulazzjoni tal-Artikolu 10 li l-protezzjoni mit-tkeċċija hija oġġettiva. Hija relatata mal-fatt li tkun tqila u mhux mar-raġunijiet tat-tkeċċija. Dawk ir-raġunijiet isiru rilevanti biss meta tiġi applikata d-deroga mill-prinċipju tal-projbizzjoni tat-tkeċċija prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 10 *in fine*. L-għan ta' dak l-Artikolu għalhekk huwa "li jenfasizza n-natura eċċezzjonali tat-tkeċċija" ta' nisa tqal [52].

56. Skont ġurisprudenza stabbilita, derogi minn prinċipju għandhom jiġu interpretati b'mod strett [53]. Dan huwa minnu *a fortiori* meta prinċipju jkollu natura protettiva (bħal hawn) u jservi sabiex jipproteġi s-sigurtà u s-saħħa ta' grupp ta' ħaddiema vulnerabbli.

57. Id-deroga mill-projbizzjoni tat-tkeċċija fil-punt 1 tal-Artikolu 10 hija suġġetta għal tliet kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel nett, it-tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal tista' sseħħ biss f'każijiet eċċezzjonali li ma humiex konnessi mat-tqala. It-tieni nett, dawk il-każijiet iridu jkunu permessi skont il-leġiżlazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali [54]. It-tielet nett, u fejn applikabbli, l-awtorità kompetenti trid tagħti l-kunsens tagħha. F'din il-kawża, hija l-ewwel kundizzjoni li hija inkwistjoni. Huwa ovvju mill-formulazzjoni tagħha li żewġ elementi jridu jkunu preżenti. Il-każijiet fejn it-tkeċċija ta' ħaddiema tqila ma tkunx ipprojbita jridu jkunu kemm (i) eċċezzjonali kif ukoll (ii) mhux konnessi mat-tqala.

58. It-terminu "każijiet eċċezzjonali" ma jridx jiġi interpretat biss b'mod restrittiv: irid jiġi interpretat ukoll skont is-sens normali tat-termini inkwistjoni [55]. Is-sens normali ta' "eċċezzjonali" huwa "mhux tas-soltu" jew "straordinarju". Hekk se ninterpreta dan it-terminu.

59. It-terminu "mhux konnessi [mat-tqala]" ifisser li t-tkeċċija trid tkun ibbażata fuq raġunijiet oġġettivi li ma humiex relatati mal-kundizzjoni tal-ħaddiema tqila.

*Il-projbizzjoni ta' tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal u d-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi*

60. Bl-armonizzazzjoni tar-regoli applikabbli għat-tkeċċijiet kollettivi, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni kemm li jiżgura protezzjoni simili għad-drittijiet tal-ħaddiema fl-Istati Membri differenti kif ukoll li jarmonizza l-ispejjeż li dawn ir-regoli ta' protezzjoni jikkawżaw għall-impriżi tal-Unjoni [56].

61. Skont l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet, tkeċċijiet kollettivi huma ddefiniti bħala "tkeċċijiet mix-xogħol minn min iħaddem għal raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati". Fil-kuntest ta' dik id-direttiva, il-kunċett ta' "redundancy [tkeċċija]" ġie interpretat minn din il-Qorti tal-Ġustizzja "fis-sens li huwa jinkludi kull terminazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol mhux mixtieqa mill-ħaddiem, u għaldaqstant mingħajr il-kunsens tiegħu. Mhuwiex neċessarju li r-raġunijiet li kkawżaw it-terminazzjoni juru r-rieda ta' min iħaddem" [57]. Għalhekk huwa evidenti li l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat dik id-definizzjoni b'mod wiesa' [58].

52 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Jiménez Melgar, C-438/99, EU:C:2001:316, punt 38.

53 Sentenzi tal-10 ta' Novembru 2016, Baštová, C-432/15, EU:C:2016:855, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tad-29 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-185/10, EU:C:2012:181, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata.

54 Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, din il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta jippermetti derogi mill-projbizzjoni ta' tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal, ħaddiema nisa li welldu reċentement jew ħaddiema nisa li qed ireddgħu f'każijiet "mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali", il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità ma jeħtieġx li l-Istati Membri jispeċifikaw ir-raġunijiet partikolari li fuqhom dawn il-ħaddiema jistgħu jitkeċċew. Ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2001, Jiménez Melgar, C-438/99, EU:C:2001:509, punt 38.

55 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Baštová, C-432/15, EU:C:2016:855, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata.

56 Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-55/02, EU:C:2004:605, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata.

57 Sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-55/02, EU:C:2004:605, punt 50. Hawnhekk nenfasizza l-użu tal-espressjoni " *kull* terminazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol mhux mixtieqa mill-ħaddiem" (enfasi miżjuda minni). Kif fhimtha jien, il-Qorti tal-Ġustizzja użat dik il-frażi sabiex tagħti tifsira wiesgħa lill-kunċett ta' "*redundancy* [tkeċċija]", u għalhekk issaħħaħ il-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi.

58 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009, Rodríguez Mayor *et*, C-323/08, EU:C:2009:770, punt 34.

62. Dik id-definizzjoni u b'mod iktar preċiż l-espressjoni "raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati" hija eżattament ekwivalenti għar-raġunijiet li jippermettu t-tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal, jiġifieri "każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom"?

63. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta hija "le".

64. Huwa veru li hemm korrispondenza bejn l-espressjoni "raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati" fid-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi, u *t-tieni* element tal-eċċezzjoni li tippermetti t-tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal fil-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità, jiġifieri każijiet "mhux konnessi [mat-tqala]". Madankollu, fil-fehma tiegħi, tkeċċijiet fil-kuntest ta' tkeċċijiet kollettivi ma jissodisfawx neċessarjament dejjem *l-ewwel* element tal-eċċezzjoni fil-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità, jiġifieri li l-każijiet iridu jkunu "eċċezzjonali", għar-raġunijiet li ġejjin.

65. L-ewwel nett, fid-definizzjoni ta' tkeċċijiet kollettivi stabbilita fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi ma hemmx terminu ekwivalenti għal "eċċezzjonali". Dik id-dispożizzjoni hija tabilħaqq *definizzjoni* u mhux *eżenzjoni*. Minn dan isegwi li, filwaqt li dik tal-ewwel tista' legalment tiġi interpretata b'mod wiesa', dik tal-aħħar trid tiġi interpretata b'mod ristrett.

66. It-tieni nett, l-istruttura u l-formulazzjoni tad-definizzjoni ta' tkeċċijiet kollettivi ma humiex ekwivalenti għal każijiet "eċċezzjonali". Pjuttost, dawn jinkludu sitwazzjonijiet li sfortunatament jistgħu jitqiesu li jseħħu b'ċertu grad ta' regolarità. Għal dik ir-raġuni dawn it-tkeċċijiet ġew identifikati permezz ta' definizzjoni wiesgħa u tliet limiti differenti ta' tkeċċijiet għal tkeċċijiet li jseħħu fuq perijodu ta' 30 ġurnata, skont in-numru ta' ħaddiema impjegati mill-istabbiliment ikkonċernat, flimkien ma' limitu separat għal tkeċċijiet li jseħħu fuq perijodu ta' 90 ġurnata. Din id-delineazzjoni bir-reqqa stess tissuġġerixxi li t-tkeċċijiet kollettivi jseħħu spiss biżżejjed sabiex ikun xieraq li jiġu kkategorizzati skont il-perijodi ta' żmien, id-daqs tal-istabbiliment u n-numru ta' tkeċċijiet matul il-perijodu kkonċernat.

67. It-tielet nett, il-bidu u l-evoluzzjoni storika tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi bl-istess mod jissuġġerixxu li t-tkeċċijiet kollettivi ma humiex "eċċezzjonali". Il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva ġiet sottomessa lill-Kunsill sa mill-1972 [59]. Fiha, il-Kummissjoni enfasizzat li leġiżlazzjoni differenti dwar tkeċċijiet kollettivi bejn l-Istati Membri kellha effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq komuni. Dawk id-diverġenzi fil-leġiżlazzjoni kienu qed joħolqu differenzi fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li influwenzaw id-deċiżjonijiet meħuda mill-impriżi, speċjalment il-kumpanniji multinazzjonali, dwar id-distribuzzjoni tal-postijiet li għandhom jimtlew. Għalhekk, kienu ta' preġudizzju għal żvilupp ġenerali u reġjonali bbilanċjat u impedixxew it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema [60]. Id-Direttiva 75/129, il-predeċessur tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi, ġiet ippromulgata kif suppost kmieni fl-1975. Fid-delineazzjoni bir-reqqa tagħha ta' meta jseħħu tkeċċijiet kollettivi koperti mid-dispożizzjonijiet tagħha, dik id-direttiva turi xebh impekkabbli mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ bħalissa [61].

68. Għalhekk jidher ċar li d-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi kienet maħsuba sabiex tindirizza sitwazzjonijiet li jseħħu spiss biżżejjed sabiex ikollhom impatt fuq il-funzjonament tas-suq komuni u li jkollhom konsegwenzi ovvji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema.

59 Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-tkeċċijiet (sottomessa mill-Kummissjoni lill-Kunsill), COM(72) 1400.

60 Ara t-tieni premessa tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-tkeċċijiet (sottomessa mill-Kummissjoni lill-Kunsill), COM(72) 1400.

61 Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi.

69. Naturalment, jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn tkeċċija kollettiva partikolari tista' tiġi deskritta sewwa bħala "każ eċċezzjonali" fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità: pereżempju, meta l-attivitajiet tal-istabbiliment jintemmu jew meta settur sħiħ tal-attivitajiet tiegħu jieqaf. Fil-fatt, id-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi nnifisha tagħmel dispożizzjoni speċjali għal tkeċċijiet li jirriżultaw mit-tmiem tal-attivitajiet tal-istabbiliment bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja, f'liema każ ma japplikawx il-perijodi ta' stennija stabbiliti fl-Artikolu 4 [62]. Dik id-dispożizzjoni turi li fil-kuntest ta' dik id-direttiva hemm sitwazzjonijiet li huma, fil-fatt, meqjusa bħala eċċezzjonali. Fl-opinjoni tiegħi, dan ma jfissirx li *kull* tkeċċija kollettiva hija "każ eċċezzjonali" għall-finijiet tad-deroga mill-projbizzjoni tat-tkeċċija fil-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità [63].

70. Għaldaqstant nikkonkludi li l-kundizzjonijiet li fihom il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità jippermetti li ħaddiema tqila titkeċċa, jiġifieri "każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mal-kundizzjoni [tagħha] li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali", ma għandhomx jiġu interpretati bħala eżattament ekwivalenti għall-espressjoni "raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati" fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi. Sitwazzjoni partikolari li twassal għal tkeċċija kollettiva tista', fejn iċ-ċirkustanzi jiġġustifikaw dan, tiġi kklassifikata bħala "każ eċċezzjonali" fis-sens tal-ewwel dispożizzjoni. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika l-eżistenza ta' tali ċirkustanzi.

### *It-tieni domanda*

71. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob gwida dwar jekk il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità jeħtieġx li, f'każ ta' tkeċċija kollettiva, sabiex tiġi invokata l-eċċezzjoni ta' "każijiet eċċezzjonali" li tippermetti t-tkeċċija ta' ħaddiema tqila, ma jrid ikun hemm l-ebda possibbiltà li din il-ħaddiema tiġi ttrasferita mill-ġdid f'pożizzjoni oħra. Din id-domanda hija marbuta mal-ewwel waħda sa fejn tikkonċerna l-portata tal-kunċett ta' "każijiet eċċezzjonali" skont il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità.

72. F'dak ir-rigward, jirriżulta mill-analiżi li diġà pprovdejt tat-terminu "każijiet eċċezzjonali" fil-kuntest tal-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità u d-definizzjoni ta' tkeċċijiet kollettivi [64], li sabiex ħaddiema tqila titkeċċa b'mod legali, ma huwiex biżżejjed li jiġu invokati raġunijiet li jaffettwaw il-pożizzjoni tagħha f'każ ta' tkeċċija kollettiva (jew fil-fatt barra minn dak il-kuntest). Ma jrid ikun hemm ebda possibbiltà plawżibbli li l-ħaddiema tqila tiġi ttrasferita mill-ġdid f'pożizzjoni oħra xierqa. Jekk, pereżempju, il-pożizzjonijiet segretarjali kollha ħlief waħda kellhom jitneħħew f'impriża u dik il-pożizzjoni waħda tkun mimlija, il-persuna li timpjega tista' raġonevolment tkun mistennija li tittrasferixxi mill-ġdid lill-ħaddiema tqila bħala assistenta amministrattiva, iżda mhux bħala xufiera jew welder. Jew settur komplut tal-attivitajiet ta' dik l-impriża jista' jkun waqaf, bir-riżultat li s-sett ta' ħiliet tagħha ma jkunux għadhom meħtieġa [65].

73. Għaldaqstant nikkonkludi li l-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta ħaddiema tqila tkun tista' tiġi ttrasferita mill-ġdid b'mod plawżibbli għal pożizzjoni tax-xogħol xierqa oħra fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, id-deroga mill-projbizzjoni tat-tkeċċija li tinsab f'dik id-dispożizzjoni ma tapplikax. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dan ikunx il-każ.

62 Artikolu 4(4) tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi.

63 Hawnhekk, differenti mis-soltu, ma naqbilx mal-fehma espressa *obiter* mill-kollega tiegħi li huwa mejjet u li nirrispetta ħafna l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-Konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Tele Danmark, C-109/00, EU:C:2001:267 (kawża li ma kinitx tinvolvi tkeċċija kollettiva). L-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer issuġġerixxa (fil-punt 44) li "tkeċċija kollettiva għal raġunijiet finanzjarji, tekniċi, organizzazzjonali jew ta' produzzjoni li jaffettwaw impriża" tissodisfa r-rekwiżit ta' "każijiet eċċezzjonali mhux konnessi [mat-tqala]".

64 Ara l-punti 58 u 64 sa 68 iktar 'il fuq.

65 Ara l-punt 69 iktar 'il fuq.

### *It-tielet, ir-raba' u l-ħames domandi*

74. Id-domandi 3, 4 u 5 kif imfassla mill-qorti tar-rinviju jidhru li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar jekk diversi dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

75. Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni[66]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li tipprovdi lill-qorti nazzjonali bil-gwida kollha dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni meħtieġa sabiex dik il-qorti tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' dawk ir-regoli tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni[67]. Għal dak il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha[68]. Għalhekk, se nagħmel dan.

#### *It-tielet domanda*

76. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità jobbligax lill-Istati Membri jipprovdu lill-ħaddiema nisa tqal kemm protezzjoni kontra tkeċċija illegali nnifisha (protezzjoni preventiva) kif ukoll protezzjoni kontra l-konsegwenzi ta' tkeċċija illegali (protezzjoni reparattiva).

77. Skont il-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni Spanjola tagħti biss protezzjoni reparattiva lill-ħaddiema nisa tqal. Madankollu hija tqis li l-punt 1 tal-Artikolu 10 jikkonċerna protezzjoni preventiva filwaqt li l-punt 3 tal-Artikolu 10 ikopri protezzjoni reparattiva.

78. Bankia, Spanja u l-Kummissjoni jsostnu li l-leġiżlazzjoni Spanjola hija konformi mad-Direttiva dwar il-Maternità.

79. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà spjegat li "fil-kuntest ta' l-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tad-[Direttiva dwar il-Maternità], l-Istati Membri ma jistgħux jibdlu l-portata tal-kunċett ta' 'tkeċċija' u b'hekk jiċħdu l-effetti mixtieqa ta' protezzjoni li huma mogħtija minn din id-dispożizzjoni u li jikkompromettu l-effett utli tagħha"[69]. Minn dan isegwi li l-Istati Membri jridu jittrasponu kif xieraq il-protezzjoni kontra t-tkeċċija stipulata mid-Direttiva dwar il-Maternità fid-dritt nazzjonali.

80. Ir-rekwiżiti tal-punt 1 tal-Artikolu 10 kif ukoll tal-punt 3 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità huma ssodisfatti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li toffri protezzjoni kontra l-konsegwenzi ta' tkeċċija illegali (protezzjoni reparattiva) iżda ma tipprovdix dispożizzjoni speċifika separata għal protezzjoni kontra t-tkeċċija illegali nnifisha (protezzjoni preventiva)?

81. Fil-fehma tiegħi, kemm l-iskop kif ukoll il-formulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Maternità jindikaw li r-risposta hija "le".

82. L-għan ta' dik id-direttiva huwa li tipproteġi s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema nisa tqal. It-tkeċċija mill-impjieg jista' jkollha effetti li jagħmlu ħsara għall-istat fiżiku u mentali tagħhom[70]. Jirriżulta ċar ukoll mill-formulazzjoni tal-ħmistax-il premessa, mit-titolu tal-Artikolu 10 ("Il-Projbizzjoni ta' Tkeċċija") u l-formulazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 10, li b'mod inekwivoku jeħtieġ li l-Istati Membri "jieħdu l-passi neċessarji biex tiġi pprojbita t-tkeċċija ta' ħaddiema [nisa tqal]", li l-għan primarju

66 Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Lahorgue, C-99/16, EU:C:2017:391, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata.

67 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009, Rodríguez Mayor *et*, C-323/08, EU:C:2009:770, punt 30.

68 Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2016, Danqua, C-429/15, EU:C:2016:789, punt 36.

69 Sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, Paquay, C-460/06, EU:C:2007:601, punt 32.

70 Artikolu 1 u l-ħmistax-il premessa tad-Direttiva dwar il-Maternità.

tal-leġiżlatur tal-Unjoni fl-abbozzar ta' dak l-artikolu kien li jipproteġi lill-ħaddiema nisa tqal milli jitkeċċew. Jekk, minkejja dik il-projbizzjoni, tinqala' sitwazzjoni fejn ħaddiema tqila fil-fatt tkun tkeċċiet (illegalment), il-punt 3 tal-Artikolu 10 imbagħad jeħtieġ li l-Istat Membru jiżgura li l-ħaddiema tkun "[protetta] minn konsegwenzi ta' tkeċċija li hija llegali skond [il-punt 1 tal-Artikolu 10]".

83. Huwa veru li l-premessa titkellem (pjuttost b'mod kurjuż) sempliċement dwar ir-"riskju ta' tkeċċija għal raġunijiet assoċjati mal-kundizzjoni tagħhom" li jkollhom effetti avversi bħal dawn. Madankollu, huwa r-riskju ta' tkeċċija stess li jista' jipproduċi dawn ir-riżultati. It-tkeċċija, l-interruzzjoni tal-karriera u l-qgħad iqiegħdu lill-ħaddiema tqila f'sitwazzjoni ta' diżappunt, stress u nuqqas ta' sigurtà. Dawn b'mod plawżibbli jista' jkollhom effetti li jagħmlu ħsara għall-istat fiżiku u mentali tagħha, inkluż dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeskriviet bħala "riskju partikolarment serju" li jista' jwassalha tinterrompi volontarjament it-tqala tagħha[71].

84. Ir-rimedji possibbli *ex post* miksuba wara perijodu ta' litigazzjoni, bħal ordni sabiex ħaddiema tqila terġa' tiddaħħal fil-pożizzjoni tagħha, il-ħlas ta' arretrati ta' salarju dovut u/jew għoti ta' kumpens, ċertament se jgħinu sabiex itaffu l-konsegwenzi ta' tkeċċija illegali. Huwa intrinsikament improbabbli, madankollu, li dawn se jneħħu għalkollox l-effetti mentali u fiżiċi avversi kkawżati mill-att illegali inizjali.

85. Hawnhekk, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat b'mod wiesa' l-projbizzjoni attwali tat-tkeċċija. Għalhekk, fil-kawża Paquay, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[f]ir-rigward ta' l-għanijiet imfittxija mid-[Direttiva dwar il-Maternità] u, b'mod aktar partikolari, ta' dawk imfittxija mill-Artikolu 10 tagħha, jinħtieġ li jingħad li l-projbizzjoni tat-tkeċċija tal-mara tqila, li welldet reċentement u li qed tredda' fil-perijodu ta' protezzjoni mhijiex limitata għan-notifikazzjoni tad-deċiżjoni tat-tkeċċija. Il-protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni lil dawk il-ħaddiema teskludi kemm it-teħid ta' deċiżjoni ta' tkeċċija kif ukoll l-adozzjoni ta' preparattivi ta' tkeċċija bħat-tfixxija u l-previżjoni ta' sostitut definittiv ta' l-impjegat ikkonċernat minħabba t-tqala u/jew it-twelid ta' tarbija"[72]. Huwa ċar minn dik is-sentenza li għandu jkun hemm *projbizzjoni wiesgħa fuq it-tkeċċija stess* sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-punt 1 tal-Artikolu 10.

86. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 10 fih żewġ rekwiżiti separati, wieħed preventiv [il-punt 1 tal-Artikolu 10] u l-ieħor restorattiv [il-punt 3 tal-Artikolu 10]. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jindirizzaw biss l-element restorattiv, minkejja li jagħmlu dan b'mod effettiv, ma jistgħux jinjoraw l-obbligu li jkollhom fis-seħħ, bħala l-ewwel linja ta' protezzjoni, projbizzjoni fuq it-tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal ħlief fil-"każijiet eċċezzjonali" koperti mid-deroga fil-punt 1 tal-Artikolu 10.

87. Jiena nżid biss li l-leġiżlazzjoni Spanjola applikabbli tidher li tipprovdi li tkeċċija illegali hija "nulla *ipso jure*"[73]. Il-konsegwenzi preċiżi li se jsegwu huma kwistjoni għad-dritt nazzjonali u għall-qorti nazzjonali. Jidher, madankollu, mid-deskrizzjoni tal-qorti tar-rinviju dwar kif jaħdem id-dritt nazzjonali u l-mod li bih ifformulat it-tielet domanda tagħha li dak ir-rimedju jipprovdi protezzjoni reparattiva iktar milli protezzjoni preventiva. Jekk dan huwa korrett, għalkemm jista' jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt 3 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità, ma jidhirx li jindirizza r-rekwiżiti tal-punt 1 tal-Artikolu 10.

88. Għaldaqstant nikkonkludi li l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lill-ħaddiema nisa tqal kemm protezzjoni kontra t-tkeċċija stess [sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-punt 1 tal-Artikolu 10] kif ukoll protezzjoni kontra l-konsegwenzi ta' tkeċċija pprojbita mill-punt 1 tal-Artikolu 10 li madankollu tkun seħħet [sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-punt 3 tal-Artikolu 10].

71 Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa, C-232/09, EU:C:2010:674, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata. Il-Qorti tal-Ġustizzja hemm tagħmilha ċara ħafna li dawn il-konsegwenzi jistgħu jirriżultaw mir-riskju tat-tkeċċija stess.

72 Sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, C-460/06, EU:C:2007:601, punt 33.

73 Ara l-punt 12 iktar 'il fuq.

*Ir-raba' domanda*

89. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità jeħtieġx li l-Istati Membri jilleġiżlaw sabiex jiżguraw li l-ħaddiema nisa tqal igawdu minn prijorità għaż-żamma fl-impriża fejn ikunu impjegati f'każ ta' tkeċċija kollettiva.

90. Bankia, Spanja u l-Kummissjoni jirrispondu fin-negattiv.

91. Din id-domanda tikkonċerna l-possibbiltà ta' "żamma fl-impriża", filwaqt li t-tieni domanda magħmula staqsiet dwar "trasferiment mill-ġdid għal pożizzjoni tax-xogħol oħra". Iż-żewġ kunċetti ma humiex sinonimi. Jekk il-pożizzjoni li l-ħaddiema tqila bħalissa qiegħda tokkupa tisparixxi, hija tista' tiġi ttrasferita mill-ġdid lejn pożizzjoni oħra biss jekk dik il-pożizzjoni tkun vojta (jew jekk tista' tinħoloq pożizzjoni vojta permezz tat-trasferiment ta' ħaddiem ieħor għal pożizzjoni oħra u mbagħad tiġi ttrasferita hi fil-pożizzjoni l-vojta). "Żamma fl-impriża" tfisser li, jiġri x'jiġri, dik il-ħaddiema tqila se tibqa' fl-impjieg. Jista' jkun possibbli li dak ir-riżultat jinkiseb billi tiġi ttrasferita mill-ġdid f'pożizzjoni oħra vakanti; iżda jista' jfisser ukoll li tiġi ttrasferita mill-ġdid lejn pożizzjoni oħra u l-ħaddiem li jkollu dik il-pożizzjoni jitkeċċa minflokha; jew inkella li tinżamm fl-istess pożizzjoni, filwaqt li titneħħa pożizzjoni oħra u b'hekk il-ħaddiem li jokkupa dik il-pożizzjoni jitkeċċa minflokha. Obbligu ta' "żamma fl-impriża" għalhekk jagħti protezzjoni ikbar lill-ħaddiema tqila milli obbligu fuq il-persuna li timpjega sabiex sempliċement tipprova twettaq "trasferiment mill-ġdid għal pożizzjoni oħra". Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-Direttiva dwar il-Maternità teħtieġx li l-Istati Membri jilleġiżlaw sabiex jagħtu "prijorità" lill-ħaddiema tqila fuq kategoriji oħrajn ta' ħaddiema fil-każ ta' tkeċċija kollettiva. Hija ma tistaqsix jekk hemmx obbligu assolut ta' żamma; u jien ngħid minnufih li, minħabba l-preżenza tad-deroga għal "każijiet eċċezzjonali" fil-punt 1 tal-Artikolu 10, huwa ċar li d-Direttiva dwar il-Maternità ma timponix obbligu assolut bħal dan.

92. Bħala punt tat-tluq sabiex nirrispondi din id-domanda se nuża l-għan protettiv tad-Direttiva dwar il-Maternità, il-projbizzjoni tat-tkeċċija fil-punt 1 tal-Artikolu 10 tagħha u d-deroga limitata li fiha li tippermetti li jitkeċċew ħaddiema nisa tqal biss f'"każijiet eċċezzjonali". Jekk wieħed jassumi li dawk l-elementi ġew trasposti b'mod korrett fid-dritt nazzjonali, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżulta normalment għandha tiżgura li ħaddiema tqila fil-fatt tinżamm f'impjieg f'każ ta' tkeċċija kollettiva.

93. F'dak ir-rigward, meta l-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali *tagħmel* dispożizzjoni ċara – fl-arranġamenti li jirregolaw it-tkeċċijiet kollettivi – sabiex tingħata prijorità għaż-żamma fl-impriża lil gruppi oħra identifikati ta' ħaddiema (bħal ħaddiema b'responsabbiltajiet tal-familja jew b'diżabbiltà), jista' jkun hemm riskju fejn jirriżulta li kemm il-persuna li timpjega kif ukoll ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jinjoraw involontarjament ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali "ordinarja" li tipproteġi lill-ħaddiema nisa tqal mit-tkeċċija ħlief f'każijiet eċċezzjonali. Jekk jagħmlu dan u jekk ħaddiema tqila titkeċċa bħala riżultat biss tal-applikazzjoni tal-kriterji ġenerali miftiehma għall-ħaddiema kollha tal-impriża fejn għandha sseħħ it-tkeċċija kollettiva, it-tkeċċija ta' dik il-ħaddiema se tkun illegali.

94. B'kunsiderazzjoni ta' dan, ma hemm ebda rekwiżit separat fid-Direttiva dwar il-Maternità li joffri bażi għal *obbligu* min-naħa ta' Stat Membru sabiex jadotta leġiżlazzjoni speċifika separata li tagħti lill-ħaddiema nisa tqal "prijorità għal żamma fl-impriża" fil-każ ta' tkeċċija kollettiva. Lanqas (mingħajr sorpriża) ma jinsab tali obbligu fid-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi.

95. Hawnhekk, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tittratta domanda simili fil-kawża Jiménez Melgar, li kienet tikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt għal żmien determinat ta' ħaddiema tqila[74]. F'dak il-każ, waħda mill-kwistjonijiet involuti kienet jekk "fl-għoti ta' derogi mill-projbizzjoni ta' tkeċċija ta' ħaddiema nisa tqal [...] f'każijiet 'mhux konnessi mal-kundizzjoni tagħhom li huma permessi taħt il-liġi u/jew prattika nazzjonali', il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-[Direttiva dwar il-Maternità] jeħtieġx li l-Istati Membri jispeċifikaw ir-raġunijiet għat-tkeċċija ta' dawn il-ħaddiema". Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-punt 1 tal-Artikolu 10 ma kienx jeħtieġ lill-Istati Membri jispeċifikaw ir-raġunijiet partikolari li għalihom dawn il-ħaddiema jistgħu jitkeċċew; imma peress li d-Direttiva dwar il-Maternità stabbilixxiet id-dispożizzjonijiet minimi, bl-ebda mod ma żammet lill-Istati Membri milli jipprovdu protezzjoni ogħla għal dawk il-ħaddiema b'dan il-mod jekk xtaqu jagħmlu dan[75].

96. Bl-applikazzjoni tal-istess raġunament hawnhekk, nikkonkludi li l-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità ma jeħtieġx li l-Istati Membri jipprovdu dispożizzjoni speċifika sabiex il-ħaddiema nisa tqal jingħataw prijorità għaż-żamma f'impriża fil-każ ta' tkeċċija kollettiva. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jipprovdu dan permezz ta' protezzjoni addizzjonali jew fl-interessi taċ-ċertezza legali jekk jixtiequ hekk.

*Il-ħames domanda*

97. Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ittra ta' tkeċċija bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn ħaddiema tqila titkeċċa fil-kuntest ta' proċedura ta' tkeċċija kollettiva, tissodisfax il-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità minkejja li ma tagħmel ebda riferiment għall-eżistenza ta' raġunijiet eċċezzjonali għat-tkeċċija tagħha minbarra dawk li hija bbażata fuqhom it-tkeċċija kollettiva.

98. Spanja u l-Kummissjoni rrispondew fl-affermattiv. Waqt is-seduta, Bankia sostniet li huwa biżżejjed li l-ħaddiema tiġi informata dwar ir-raġunijiet għat-tkeċċija tagħha bil-miktub.

99. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar Tkeċċijiet Kollettivi jipprovdi li t-tkeċċijiet kollettivi pproġettati nnotifikati lill-awtorità pubblika kompetenti ma jidħlux fis-seħħ qabel 30 ġurnata wara n-notifika tagħhom lil dik l-awtorità, u dan bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet individwali fir-rigward tal-avviż tat-tkeċċija mix-xogħol.

100. Il-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità jintroduċi preċiżament dan id-dritt individwali għall-ħaddiema nisa tqal. Sabiex ikun validu, avviż tat-tkeċċija mix-xogħol lil ħaddiema bħal dawn irid (i) ikun bil-miktub u (ii) jiddikjara motivi ġġustifikati għat-tkeċċija. Il-ħames domanda preliminari tikkonċerna t-tieni element.

101. Fil-fehma tiegħi, l-espressjoni "motivi ġġustifikati" tfisser li, l-ewwel nett, l-avviż tat-tkeċċija jrid jagħti r-raġunijiet għat-tkeċċija u, it-tieni nett, dawk ir-raġunijiet iridu jkunu skont ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Maternità.

74 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2001, Jiménez Melgar, C-438/99, EU:C:2001:509. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja (fil-punt 47) pprovdiet li "filwaqt li l-projbizzjoni ta' tkeċċija stabbilita fl-Artikolu 10 tad-[Direttiva dwar il-Maternità] tapplika kemm għall-kuntratti ta' impjieg għal żmien indeterminat kif ukoll għall-kuntratti għal żmien determinat, in-nuqqas ta' tiġdid ta' tali kuntratt, meta jintemm kif stipulat, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala tkeċċija pprojbita minn dik id-dispożizzjoni. Madankollu, meta n-nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat ikun iġġustifikat mill-istat ta' tqala tal-ħaddiema, dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess, kontra l-Artikolu 2(1) u 3(1) tad-Direttiva 76/207".

75 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2001, Jiménez Melgar, C-438/99, EU:C:2001:509, punti 37 u 38.

102. Ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva dwar il-Maternità jinsabu fid-deroga mill-projbizzjoni tat-tkeċċija fil-punt 1 tal-Artikolu 10. L-avviż tat-tkeċċija għalhekk irid jipprovdi l-fatti u r-raġunament li tuża l-persuna li timpjega sabiex il-ħaddiema tqila li beħsiebha tkeċċi tkun taqa' taħt "każijiet eċċezzjonali mhux konnessi [mat-tqala]" li jippermettu t-tkeċċija ta' ħaddiema tqila.

103. Fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, avviż tat-tkeċċija li huwa limitat għall-għoti ta' raġunijiet ġenerali għat-tkeċċijiet u l-kriterji tal-għażla iżda ma jispjegax għalfejn it-tkeċċija ta' ħaddiema tqila hija permessa minħabba li ċ-ċirkustanzi speċifiċi tat-tkeċċija kollettiva inkwistjoni tagħmlu "każ eċċezzjonali" ma huwiex se jgħaddi minn dak it-test.

104. X'jiġri jekk il-persuna li timpjega tiskopri li l-ħaddiema inkwistjoni hija ħaddiema tqila biss wara li tkun innotifikatha li se titkeċċa? Fl-opinjoni tiegħi, ladarba ssir taf b'dak il-fatt, il-persuna li timpjega mbagħad għandha teżamina mill-ġdid it-tkeċċija fid-dawl tal-projbizzjoni fil-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità, kif trasposta fid-dritt nazzjonali. Huwa biss jekk tikkonkludi li t-tkeċċija kollettiva inkwistjoni taqa' fil-kategorija ta' "każijiet eċċezzjonali" fil-punt 1 tal-Artikolu 10 li l-persuna li timpjega tista' żżomm id-deċiżjoni tat-tkeċċija. F'dawk iċ-ċirkustanzi, hija se tkun meħtieġa li tibgħat avviż ġdid ta' tkeċċija li josserva l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità.

105. Għaldaqstant nikkonkludi li, sabiex avviż tat-tkeċċija jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Maternità, irid ikun kemm bil-miktub kif ukoll jipprovdi motivi ġġustifikati dwar il-każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mat-tqala li jippermettu t-tkeċċija. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dan ikunx il-każ.

## Konklużjoni

106. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mit-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Cataluña, Spanja) kif ġej:

– Il-kundizzjonijiet li fihom il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu, jippermetti li ħaddiema tqila titkeċċa ma humiex eżattament ekwivalenti għall-espressjoni "raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati" fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar *redundancies* kollettivi. Sitwazzjoni partikolari li twassal għal tkeċċija kollettiva tista', fejn iċ-ċirkustanzi jiġġustifikaw dan, tiġi kklassifikata bħala "każ eċċezzjonali" fis-sens tal-ewwel dispożizzjoni. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika l-eżistenza ta' tali ċirkustanzi.

– Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta ħaddiema tqila tkun tista' tiġi ttrasferita mill-ġdid b'mod plawżibbli għal pożizzjoni tax-xogħol xierqa oħra fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva, id-deroga mill-projbizzjoni tat-tkeċċija li tinsab f'dik id-dispożizzjoni ma tapplikax. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dan ikunx il-każ.

– L-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lill-ħaddiema nisa tqal kemm protezzjoni kontra t-tkeċċija stess [sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-punt 1 tal-Artikolu 10] kif ukoll protezzjoni kontra l-konsegwenzi ta' tkeċċija pprojbita mill-punt 1 tal-Artikolu 10 li madankollu tkun seħħet [sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-punt 3 tal-Artikolu 10].

– Il-punt 1 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85 ma jeħtieġx li l-Istati Membri jipprovdu dispożizzjoni speċifika sabiex il-ħaddiema nisa tqal jingħataw prijorità għaż-żamma f'impriża fil-każ ta' tkeċċija kollettiva. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jipprovdu dan permezz ta' protezzjoni addizzjonali jew fl-interessi taċ-ċertezza legali jekk jixtiequ hekk.

– Sabiex avviż tat-tkeċċija jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt 2 tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, irid ikun kemm bil-miktub kif ukoll jipprovdi motivi ġġustifikati dwar il-każijiet eċċezzjonali mhux konnessi mat-tqala li jippermettu t-tkeċċija. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dan ikunx il-każ.